# Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Jannar tal-2024

NR 046/2024 Data tal-Ħruġ: 11 ta’ Marzu 2024 Data tal-Għeluq: 1 ta’ Marzu 2024

*Ċifri proviżorji tal-kummerċ tal-merkanzija juru li, f’Jannar tal-2024, kien irreġistrat defiċit kummerċjali ta’ €277.4 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €272.3 miljun tal-istess xahar fl-2023.*



**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Jannar tal-2024**

It-tagħrif kollu mogħti f’din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet jippreżenta l-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f’Jannar tal-2023, kien irreġistrat defiċit ta’ €277.4 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €272.3 miljun tal-istess xahar fl-2023. L-importazzjoni ammontat għal €634.2 miljun, mentri l-esportazzjoni kienet ta’ €356.8 miljun. Dan juri tnaqqisiet ta’ €23.3 miljun u €28.5 miljun fl-importazzjoni u l-esportazzjoni, rispettivament, fuq l-istess xahar tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1). It-tnaqqis ewlieni fl-importazzjoni kien fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€18.8-il miljun), fl-Oġġetti semi-manifatturati (€13.3-il miljun) u fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€9.5 miljuni). Min-naħa l-oħra, kien hemm żidiet fl-Ikel (€8.9 miljuni) u fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€7.8 miljuni). Fl-esportazzjoni, it-tnaqqisiet ewlenin kienu rreġistrati fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€20.2 miljun) u fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€13.5-il miljun) (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta’ kull xahar




Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (53.1 fil-mija) u mill-Asja (23.8 fil-mija). Bl-istess mod, l-esportazzjoni marret l-aktar lejn l-Unjoni Ewropea (35.1 fil-mija) u l-Asja (11.5 fil-mija). L-akbar żieda ġiet minn Trinidad u Tobago (€25.6 miljun), mentri l-importazzjoni mill-Alġerija rreġistrat l-akbar tnaqqis (€33.0 miljun). L-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti rreġistrat l-akbar żieda (€3.6 miljuni), mentri dik lejn il-Korea t’Isfel kellha l-akbar tnaqqis (€7.9 miljuni) (Tabella nru 4).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija Eskluż Kapitli Speċifiċi[1]: Jannar tal-2024**

F’Jannar, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi oġġetti speċifiċi kien jgħodd €207.3 miljuni, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €170.7 miljun li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2023. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €416.4-il miljun u €209.1 miljuni, rispettivament, u b’hekk kien hemm tnaqqisiet ta’ 0.5 fil-mija fl-ewwel waħda u 15.7 fil-mija fit-tieni waħda meta mqabblin mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1).

## Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] - Data ta’ kull xahar




## Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija

Tqabbil mal-istess xahar ta’ sena qabel




## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ sħiħ tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti

Jannar 2024




## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] bil-kontinent/reġjun

Jannar 2024




[1] Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Inġenji tal-Ajru, Inġenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f’Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara nota 8 tan-Noti Metodoloġiċi.

Nota: It-totali jistgħu ma jammontawx minħabba l-arrotondament.